MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 315/2011

**Dr Ramon Bondin
(ID-75883M)**

**vs**

**Simon Grech
(ID-244866M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qieghed jitlob rifuzjoni fis-somma ta' elf u sitt mitt Ewro (€1,600) li thallsu zejjed minnu lill-konvenut Simon Grech fuq xoghol ta' tqeghid ta' madum li sar mill-istess konvenut, u dan kif irrizulta minn meta huma marru jkejlu x-xoghol nhar is-6 ta' Frar, 2011;

Illi minkejja l-konvenut gie interpellat permezz ta' ittra legali, huwa ma accettax li jirrifondi lill-attur l-imsemmija somma.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra legali, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghax kummercjali, kontra l-konvenut li jinsab ngunt ghas-subizzjoni.
Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma bbazati fuq kejl mehud mill-attur innifsu u mhux skond is-sengha u l-prattika uzata fil-kejl redatta ma' tqeghid tal-madum;

Illi billi l-gharusa tal-attur Janice Grech hija kugina tal-konvenut huwa applika rati specjali li huma rati ferm anqas minn dawk tas-suq u li jidher li fuqhom m'hemmx kontestazzjoni;

Illi l-kejl sar fit-3 ta' Frar, 2011 u l-ammont dovut kien ta' seba' t'elef mitejn u sitta u disghin Ewro (€7,296) u wara li l-konvenut ghamel skont addizzjonali ta' mittejn u sitta u disghin Ewro (€296) l-attur hallas is-somma ta' sitt elef Ewro (€6,000), stante li kien ghamel depozitu ta' elf Ewro (€1,000), permezz ta' zewg cekkijiet bankarji APS 000086 fl-ammont ta' erbat elef (€4,000) u APS 000085 fl-ammont ta' elfejn Ewro (€2,000);

Illi l-konvenut fis-6 ta' Frar, 2011 attenda ghall-kejl li r-rikorrenti ried billi huwa, l-konvenut, kien rikattat mir-rikorrenti li jghamel *stop payment* fuq ic-cekkijiet. Minkejja dan, wara li sar il-kejl, l-ebda kont gdid ma nhareg u l-ebda ftehim ma ntlahaq sabiex setgha jigi emendat dak il-kont li fuqu kien hallas l-attur;

Illi l-konvenut minghajr pregudizzju u minkejja li r-rati applikati kienu gia anqas minn dawk tas-suq, ppropona illi l-ammont ta' elf u sitt mitt Ewro (€1,600) u cioe' d-differenza bejn l-ewwel stima u l-fattura mahruga fit-3 ta' Frar, 2011 u l-kejl kif riedu l-attur fis-6 ta' Frar, 2011 jigi skontat b'50% u ghalhekk ssir rifuzjoni ta' tmien mitt Ewro (€800). Madanakollu l-attur ried rifuzjoni fl-ammont ta' elf Ewro (€1,000) u ghalhekk ma ftehmux fuq differenza ta' mittejn Ewro (€ 200) u r-rikorrenti beda dawn il-proceduri.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti ezebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi l-attur inkariga lill-konvenut sabiex dan jaghmel xoghol ta' tqeghid ta' madum fil-fond proprjeta' tal-attur gewwa Hal Tarxien. Illi l-attur ottjena diversi stimi minghand diversi persuni li jezercitaw din is-sengha, u ghalkemm l-istima tal-konvenut kienet oghla minn tal-ohrajn, l-istess attur iddecida illi jqabbad lill-konvenut minhabba parentela bejn il-konvenut u martu, li dak iz-zmien kienet l-gharusa tieghu, li huma kugini.

Illi l-istess attur spjega kif il-kont finali li hareg il-konvenut ghax-xoghlijiet li wettaq fuq inkarigu tal-attur kien jammonta ghas-somma ta' sebat elef mitejn u tmienja u disghin Ewro (€7,298), li wara li nghata skont mill-konvenut, hu hallas l-ammont ta' sebat elef Ewro (€7,000). Illi minn dan l-ammont l-attur kien hallas depozitu akkont ta' elf Ewro (€1,000), u ghalhekk l-attur hallas bilanc ta' sitt elef Ewro (€6,000) lill-konvenut permezz ta' zewg cheques, u dan in bazi tal-kejl li ha l-istess konvenut u l-fattura rilaxxjata minnu, li madanakollu ma giet ipprezentata minn ebda wiehed mill-partijiet.

Illi l-attur stqarr illi l-ghada stess li hallas lill-konvenut, mar ha l-kejl tax-xoghol li kien sar mill-konvenut, u kien f'dan l-istadju li nduna bid-diskrepanza, u ghalhekk talab lill-konvenut sabiex ma jsarrafx ic-cheques li kien tah bhala hlas tal-bilanc. Illi skond il-kalkoli tal-attur l-ammont dovut minnu kien jammonta ghal hamest elef tliet mija hamsa u sittin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€5,365.67), li minnhom kellhom jitnaqqsu l-elf Ewro (€1,000) li kienu 'gia thallsu in linea ta' depozitu.

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attur qed jitlob refuzjoni tas-somma ta' elf u sitt mitt Ewro (€1,600) li jirraprezentaw id-

differenza bejn l-ammont imhallas u dak li, skond l-istess attur, kien dovut.

Illi mart l-attur ikkonfermat illi hi, flimkien ma’ zewgha u l-konvenut, kienu rrivedew il-kejl li kien ittiehed mill-istess konvenut, u skond din l-istess xhud, il-konvenut kien accetta li kien hemm diskrepanza. Izda minkejja f’dan, l-konvenut xorta ghadda sabiex sarraf ic-cheques ghalkemm gie avzat mill-attur sabiex ma jsarrafhomx, u ghalkemm kien ghamel proposta li d-differenza tinqasam, u se mai jirrifondi tmien mitt Ewro (€800), din l-offerta l-attur ma accetahix. Illi ghalkemm il-konvenut ma xehedx, jirrizulta konfermat dak hawn imsemmi dwar il-proposta ta’ refuzjoni ta’ tmien mitt Ewro (€800) mir-risposta li gietipprezentata mill-istess konvenut.

Ikkunsidra,

Illi huwa evidenti illi l-azzjoni proposta mill-attur hija wahda ta’ *indebiti solutio* taht il-provvedimenti tal-Artikoli 1021 u 1022 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghaliex l-attur qed jezigi hlas lura ta’ ammont li gie mhallas minnu indebitament lill-konvenut. Illi huwa oramai pacifiku u stabbilit bil-gurisprudenza in materja, fosthom **Maria Galea vs Grace Borg** (Prim’ Awla tal-Qorti Civili) deciza fit-12 ta’ Ottubru 2005, u **Paul Camilleri vs Silvio Mifsud et noe et** (Qorti tal-Appell) deciza fit-8 ta’ Mejju 2001, illi sabiex azzjoni ta’ din in-nattura tirnexxi jehtieg illi jissusistu u jigu ppruvati s-segwenti tliet (3) elementi kostituttivi, u cioe’: (i) illi jkun sar il-pagament; (ii) illi dan il-pagament ma kienx dovut; u (iii) li l-pagament ikun sar bi zball.

Illi applikati dawn it-tliet (3) elementi ghall-kaz in ezami, jirrizulta sodisfacentement illi l-hlas gie mwettaq, u dan ma giex ikkontestat mill-konvenut, u ghalhekk l-ewwel element jirrizulta ppruvat. Illi dwar it-tieni element, u cioe’ illi l-pagament ma kienx dovut, f’dan il-kaz qed jigi allegat illi <u>parti</u> biss mill-hlas ma kienx dovut, u li permezz ta’ din l-azzjoni, qed jintalab il-hlas lura biss ta’ dik il-parti li – skond il-kejl li ha l-attur – ma kienx dovut. Illi f’dan ir-rigward l-attur ipprezenta Dok. RB 6 (*a fol*. 21) li huwa

rendikont tal-kejl li ha l-istess attur tax-xoghol li ghamel il-konvenut, u li skond l-attur u martu, dawn ic-cifri gew diskussi mal-konvenut, u skond huma, gew accettati mill-istess konvenut. Illi din l-allegazzjoni ma gietx michuda jew ikkontestata bl-ebda mod mill-konvenut.

Illi ghalkemm il-konvenut ma xehedx f'dawn il-proceduri, u ma ressaq ebda provi sabiex jikkuntrarja jew ixxejjen dak li gie allegat mill-attur, madanakollu, ipprezenta risposta dettaljata, li fiha gew indikati xi fatti, li ghalkemm ma gewx ikkonfermati minnu bil-gurament, jikkoroboraw il-fatti kif spjegati mill-attur. Illi b'referenza ghar-raba' (4) paragrafu tar-risposta tal-konvenut, l-istess konvenut ikkonferma illi ttiehed mill-gdid il-kejl flimkien mal-attur, u b'mod indirett qed jikkonferma illi kien hemm xi diskrepanzi – minghajr ma jaghti ebda indikazzjoni b'liema mod u f'liema kejl – ghaliex irribatta illi minkejja tali diskussjoni "*...l-ebda kont gdid ma nhareg u l-ebda ftehim ma ntlahaq sabiex setgha jigi emendat dak il-kont li fuqu kien hallas l-attur.*" Illi mill-atti processwali jirrizulta biss l-ammonti li thallsu mill-attur[1], ir-rati li bihom kellu jithallas il-konvenut[2], li gew accettati mill-attur, u l-kalkoli u l-kejl li ttiehed mill-attur wara li wettaq il-hlas lill-konvenut[3], u li in bazi ta' dawn il-kalkoli, l-attur qed isostni illi hallas aktar minn dak li kien dovut lill-konvenut. Illi mill-istess atti ma jirrizultax il-kejl li ha l-konvenut li a bazi tieghu talab il-hlas tas-somma ta' sebat elef mittejn u sitta u disghin Ewro (€7,296), li gew imnaqqsa minnu stess ghal sebat elef Ewro (€7,000), u ghalhekk ma jistax isir ezercizzju komparattiv bejn kejl li ha wiehed u kejl li ha l-iehor. Illi lanqas ma tressqet mill-attur xi forma ta' prova ulterjuri – possibilment permezz ta' persuna intiza f'din il-materja, bhal m'huwa Perit Arkitett – sabiex ikun hemm konferma dwar il-korrettezza tal-kejl li ttiehed mill-attur.

Illi madanakollu, lanqas il-konvenut ma gab jew ressaq ebda prova li tikkuntrarja dak li gie allegat mill-attur, u lanqas ma xehet xi dubju fuq il-veracita' u l-kredibilita', o meno, tal-fatti kif dikjarati mill-attur, u li gew korroborati u

[1] A fol. 16 u 17, u 19 u 20.
[2] A fol. 18.
[3] A fol. 21.

kkonfermati minn martu.  Anzi l-ftit fatti enuncjati mill-konvenut fir-risposta tieghu, jikkoroboraw u jikkonfermaw dak li qed isostni l-attur.  Illi tali sitwazzjoni, akkoppjata mal-fatt illi l-konvenut iddikjara fir-risposta tieghu illi kien ghamel kontro-proposta lill-attur, u dan minghajr pregudizzju ghall-kontestazzjoni tieghu, li kien dispost li jirrifondih nofs l-ammont minnu mitlub, jwassal lil dan it-Tribunal ghall-konvinciment illi jezisti xi element ta' veracita' fl-allegazzjoni li qed issir mill-attur illi l-kejl li ttiehed mill-konvenut kien zbaljat, jew ahjar, aktar minn dak reali, u li ghalhekk l-attur hallas aktar minn dak dovut.

Illi ghalkemm huwa minnu li min jallega jrid jipprova, jkun jinkombi wkoll fuq il-parti mharrka sabiex tirribatti u tikkontesta dak li jkun qed jigi allegat minn min ikun ippropona l-azzjoni, ghaliex fin-nuqqas ta' tali kontestazzjoni fattwali u legali, l-allegazzjonijiet li jkunu saru jigu necessarjament accettati bhala veritieri, ladarba ma jkunux sodisfacentement ikkuntrarjati.

Illi dwar it-tielet (3) element mehtieg sabiex tirnexxi l-azzjoni tal-attur, u cioe' illi l-pagament sar bi zball, u b'referenza specifika ghall-kaz in ezami, mid-deposizzjoni li ta l-attur, irrizulta illi l-istess attur mar ha l-kejl tax-xoghol li ghamel il-konvenut <u>wara</u> illi hallsu.  Illi kien f'dak l-istadju illi rrizultat id-diskrepanza fil-kejl, u ghalhekk *ex post facto* l-hlas mill-attur lill-konvenut.  Illi kemm-il darba tali diskrepanza l-attur nduna biha qabel ma wettaq il-hlas, il-probabilita' hija li ma kienx jghaddi l-hlas, jew ghall-inqas il-hlas tal-ammont fl-intier tieghu kif mitlub mill-attur.  Illi ghalhekk huwa evidenti illi dik il-parti tal-hlas li l-attur qed jitlob refuzjoni taghha, thallset minnu "bi zball", u ghalhekk ma jistax jigi meqjus illi kien hemm accettazzjoni minnu tal-kreditu kollu reklamat mill-konvenut, u dan minkejja l-fatt illi hallas l-ammont kollu mitlub.

Illi ghalhekk, fid-dawl tal-fatti kif esposti u fuq bilanc ta' probabilita', it-Tribunal jinsab sodisfatt illi dak allegat mill-attur huwa minnu, u ser jghaddi sabiex jakkolji t-talba tieghu.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa' t-talba tal-attur u jordna illi l-konvenut jhallas u jirrifondi lill-attur is-somma ta' elf u sitt mitt Ewro (€1,600), bl-imghax mid-data tal-prezenti.

Bl-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------